

Brussell, 21 ta' Settembru 2026  
(OR. en)

13448/26

ETS 10  
MI 913  
COMPET 1100  
EDUC 382  
DELECT 153

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                                                                                  |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                        |
| data meta waslet: | 15 ta' Settembru 2026                                                                                                                                                                                            |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                       |
| Nru dok. Cion:    | C(2026) 6196 final                                                                                                                                                                                               |
| Suġġett:          | DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...<br>ta'15.9.2026<br>li tissupplimenta d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi tistabbilixxi qafas ta' taħriġ komuni għall-fiżjoterapisti |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 6196 final.

Mehmuż: C(2026) 6196 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.9.2026  
C(2026) 6196 final

**DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'15.9.2026**

**li tissupplimenta d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi  
tistabbilixxi qafas ta' taħriġ komuni għall-fiżjoterapisti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Wara l-emendi introdotti mid-Direttiva 2013/55/UE<sup>1</sup>, il-Kapitolu IIIA dwar ir-rikonossiment awtomatiku bbażat fuq prinċipji ta' taħriġ komuni ġie inkluż fit-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali<sup>2</sup>.

L-Artikolu 49a tad-Direttiva 2005/36/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jistabbilixxu oqfsa komuni ta' taħriġ ("CTFs"). Is-CTFs huma settijiet komuni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi minimi li huma meħtieġa minn għadd minimu ta' Stati Membri għall-eżerċitar ta' professjoni speċifika. L-istabbiliment tas-CTFs għandu l-għan li jiffaċilita l-moviment liberu tal-professjonisti mingħajr ma jarmonizza kompletament l-oqfsa edukattivi jew regolatorji. Is-CTFs jappoġġaw il-komparabbiltà tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi professjonali u jgħinu biex jiżguraw is-sikurezza tan-nies li jirċievu s-servizzi u l-kwalità tas-servizzi professjonali madwar l-UE, filwaqt li jirrispettaw bis-šħiħ id-diversità tas-sistemi edukattivi nazzjonali u tal-oqfsa regolatorji.

L-espansjoni tar-rikonossiment awtomatiku permezz tas-CTFs hija allinjata mal-oġġettivi tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà Ġusta tal-Ħaddiema li għadu ġej, li għandu l-għan li jiffaċilita l-mobbiltà ġusta u effiċjenti għall-ħaddiema madwar l-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tiżviluppa ulterjorment is-CTFs skont id-Direttiva 2005/36/KE, ladarba jkun hemm interess suffiċjenti mill-partijiet ikkonċernati u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva. L-għan huwa li jsir segwitu dwar l-ewwel CTF, stabbilit minn dan l-att, b'oqfsa addizzjonali fis-snin li ġejjin, li jibnu b'mod partikolari fuq studju orizzontali li għaddej bħalissa biex jiġu identifikati l-professjonijiet xierqa għall-istabbiliment tas-CTFs, kif ukoll fuq programm ta' ħidma ssimplifikat mal-grupp ta' esperti rilevanti.

Abbażi tal-Artikolu 49a(2) tad-Direttiva 2005/36/KE "Qafas ta' taħriġ komuni għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin[:]

- (a) il-qafas ta' taħriġ komuni jippermetti iktar professjonisti jiċċaqilqu lejn Stati Membri oħra;
- (b) il-professjoni li l-qafas ta' taħriġ komuni japplika għaliha hija regolata, jew l-edukazzjoni u t-taħriġ li jwassal għall-professjoni huma regolati, f'tal-inqas terz mill-Istati Membri kollha;
- (c) is-sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi jikkombina l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ applikabbli f'tal-inqas terz mill-Istati Membri; f'dan ir-rigward ma huwiex rilevanti jekk l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi nkisbu bħala parti minn edukazzjoni ġenerali f'università jew f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew bħala parti minn taħriġ vokazzjonali;
- (d) l-oqfsa ta' taħriġ komuni għandhom jiġu bbażati fuq il-livelli tal-Qafas tal-Kwalifiki Ewropej, kif definit fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern, ĠU L 354, 28.12.2013, p.132.

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professjonali, ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment tal-Qafas ta' Kwalifiki Ewropej għat-tagħlim tul il-ħajja<sup>3</sup>;

- (e) il-professjoni kkonċernata li hija koperta minn qafas ta' taħriġ komuni ieħor u lanqas soġġetta għal rikonoxximent awtomatiku taħt il-Kapitolu III tat-Titolu II;
- (f) il-qafas ta' taħriġ komuni tħejja wara proċess korrett trasparenti, inkluż ma' partijiet ikkonċernati rilevanti mill-Istati Membri fejn il-professjoni ma hijiex regolata;
- (g) il-qafas ta' taħriġ komuni jippermetti li-ċittadini minn kwalunkwe Stat Membru sabiex ikunu eliġibbli li jiksbu l-kwalifika professjonali taħt dan il-qafas mingħajr ma qabel ikunu meħtieġa jkunu membri ta' organizzazzjoni professjonali jew li jkunu rreġistrati ma' organizzazzjoni bħal din."

L-għan ta' din id-Direttiva huwa l-istabbiliment tas-CTF għall-professjoni ta' fiżjoterapista billi jiġu elenkati r-rekwiżiti li jikkostitwixxu s-sett komuni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi minimi meħtieġa għall-eżerċitar ta' din il-professjoni.

L-istabbiliment tas-CTF ma jirrikjedix li l-Istati Membri jimmodifikaw il-programmi ta' taħriġ li diġà għandhom fis-seħħ. Pjuttost, is-CTF huwa bbażat fuq il-komunalitajiet eżistenti madwar il-pajjiżi fir-rigward tal-programm ta' taħriġ u l-kompetenzi tal-fiżjoterapisti. Is-CTF huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jżommu jew li jintroduċu rekwiżiti nazzjonali ta' edukazzjoni għolja u professjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikolu 49a(6), il-kwalifiki nazzjonali li jaqgħu taħt is-CTF jistgħu jiġu inklużi f'att ta' implimentazzjoni abbażi tan-notifiki riċevuti fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri huma ġeneralment meħtieġa jagħtu rikonoxximent awtomatiku lill-kwalifiki li jissodisfaw l-istandards stabbiliti fis-CTF, filwaqt li jipprovdu lid-detenturi ta' dawn il-kwalifiki bl-istess aċċess għall-professjoni bħad-detenturi ta' kwalifiki professjonali miksuba f'dak l-Istat Membru partikolari. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 49a(5) tad-Direttiva 2005/36/KE, Stat Membru jista' jiġi eżentat kemm mill-obbligu li jintroduċi s-CTF kif ukoll mid-dmir li jagħti rikonoxximent awtomatiku jekk ikun jista' juri li: (a) ma joffrix tali taħriġ fit-territorju tiegħu; (b) is-CTF ifixkel b'mod negattiv is-sistema edukattiva nazzjonali tiegħu; jew (c) id-differenzi sostanzjali fit-taħriġ joħlqu riskju serju għas-saħħa jew għas-sikurezza pubblika.

Il-kwalifiki maħruġa fi Stat Membru li jagħtu aċċess għall-professjoni ta' fiżjoterapista u li ma humiex koperti mis-CTF, se jkomplu jiġu vvalutati mill-Istati Membri ospitanti, skont ir-regoli tas-sistema ġenerali tad-Direttiva 2005/36/KE.

Jekk it-taħriġ tal-fiżjoterapisti jiġi regolat fil-livell nazzjonali, u r-regolament nazzjonali jissodisfa r-rekwiżiti għall-partiċipazzjoni fis-CTF, l-istituzzjonijiet edukattivi kollha fl-Istati Membri li jipprovdu tali taħriġ ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-CTF mingħajr valutazzjonijiet ulterjuri tal-programmi ta' taħriġ individwali. Jekk it-taħriġ tal-fiżjoterapisti ma jkunx regolat fil-livell nazzjonali, jew ir-regolament nazzjonali ma jissodisfax ir-rekwiżiti tas-CTF, istituzzjoni edukattiva tista' tipparteċipa fis-CTF jekk toffri taħriġ li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mis-CTF.

<sup>3</sup> Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja, ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1, li ġiet imħassra mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja, ĠU C 189, 15.6.2017, p. 15.

Jekk Stat Membru ma jkollux fis-seħħ kwalifiki ta' fiżjoterapista li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-parteciċipazzjoni fis-CTF, il-parteciċipazzjoni tkun possibbli biss jekk it-taħriġ jiġi aġġornat biex jissodisfa r-rekwiżiti tas-CTF. Huwa biss it-taħriġ li jissodisfa r-rekwiżiti elenkati f'din id-Direttiva Delegata li se jkun kopert mis-CTF.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fl-2022 u fl-2023, il-Kummissjoni ddiskutiet is-suġġett tas-CTFs mal-grupp ta' esperti rilevanti, mal-Grupp ta' Koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. Wara l-identifikazzjoni tal-professjoni tal-fiżjoterapija<sup>4</sup> bħala professjoni ta' interess għall-istabbiliment ta' CTF, sar stħarriġ biex jiġu mmappjati r-rekwiżiti tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għall-professjoni ta' fiżjoterapista madwar l-Istati Membri. Ir-risultati ta' dan l-istħarriġ waslu għad-deċiżjoni li titkompla l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jinholq CTF għal din il-professjoni fil-qafas ta' Sottogrupp dwar is-CTFs<sup>5</sup>, stabbilit fil-laqgħa tal-Grupp ta' Koordinaturi f'Marzu 2024<sup>6</sup>.

Sussegwentement, inġabar input aktar dettaljat minn diversi partijiet ikkonċernati (l-awtoritajiet kompetenti, l-assoċjazzjonijiet professjonali, l-istituzzjonijiet edukattivi, l-esperti tal-fiżjoterapija u l-membri u l-osservaturi tas-Sottogrupp dwar is-CTFs) sabiex jiġu mmappjati r-rekwiżiti nazzjonali li jappartjenu għall-ġestjoni, għall-edukazzjoni u għat-taħriġ tal-fiżjoterapisti.

Il-Kummissjoni analizzat id-data miġbura u wettqet valutazzjoni komparattiva komprensiva biex tidentifika l-aspetti komuni u d-diskrepanzi fost il-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE fir-rigward tal-qafas regolatorju, tat-taħriġ u tal-edukazzjoni tal-professjoni ta' fiżjoterapista. Fis-27 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lis-Sottogrupp dwar is-CTFs l-immappjar preliminari tal-ġestjoni u tat-taħriġ ta' fiżjoterapista abbażi tal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati.

Peress li l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' CTF hija relatata mill-qrib mar-rekwiżiti deskritti fl-Artikolu 49a tad-Direttiva 2005/36/KE, l-enfasi kienet fuq l-analiżi u t-tqabbil tad-data relatata ma' dawn ir-rekwiżiti: (i) f'kemm Stati Membri hija regolata l-professjoni tal-fiżjoterapija; (ii) fuq liema livell tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) hija bbażata l-edukazzjoni dwar il-fiżjoterapija fil-livell ta' dħul fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; u (iii) liema għarfien, ħiliet u kompetenzi huma meħtieġa għall-fiżjoterapisti fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fil-maġġoranza tal-Istati Membri. L-analiżi tad-data żgurat ukoll li tipprovdi fehim akbar tal-professjoni ta' fiżjoterapista fost il-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE.

F'Ġunju 2025, ir-rapport tal-proġett: *Feasibility of Establishing a Common Training Framework for the Profession of Physiotherapist- Mapping the regulation, education and*

<sup>4</sup> Skont il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi ([ESCO](#)) [Kodiċi 2264.2](#), il-fiżjoterapisti huma professjonisti tas-saħħa awtonomi li huma responsabbli biex jiżviluppaw, iżommu jew jirrestawraw il-funzjoni u l-moviment motorjali matul il-ħajja permezz ta' prattika bbażata fuq l-evidenza. Dawn itaffu l-uġiħ u jittrattaw jew jipprevjenu kundizzjonijiet fiżiċi assoċjati ma' korrimment, mard jew ħsara oħra. Fiżjoterapisti jagħtu s-setgħa lill-pazjenti u lil dawk li jieħdu ħsiebhom biex jimmaniġġaw il-kundizzjoni barra mill-ambjent kliniku. Huma jaħdmu fl-ambitu tal-prattika tagħhom u tal-Kodiċi ta' Kondotta professjonali tagħhom.

<sup>5</sup> Il-possibbiltà li wieħed jipparteċipa fil-ħidma tas-Sottogrupp kienet miftuħa għall-membri tal-Grupp ta' Koordinaturi mill-Istati Membri kollha u għall-osservaturi mit-tliet pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE, kif ukoll għall-esperti fil-fiżjoterapija li kull pajjiż parteċipi seta' jaħtar.

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Grupp ta' Koordinaturi, is-Sottogrupp u l-minuti tal-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinaturi u tas-Sottogrupp, huma disponibbli hawnhekk: [Reġistru ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' entitajiet simili oħrajn](#)

*training of the physiotherapist profession in EU/EEA countries*<sup>7</sup>, ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Koordinaturi u lis-Sottogrupp dwar is-CTFs. Huma ġew mistiedna jipprovdu kummenti bil-miktub dwar ir-rapport sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2025. Abbażi tal-immappjar tal-professjoni ta' fiżjoterapista, dan ir-rapport ikkonkluda li kien fattibbli li jiġi stabbilit CTF għall-professjoni ta' fiżjoterapista skont l-Artikolu 49a tad-Direttiva 2005/36/KE.

Abbażi tal-kummenti li waslu dwar ir-rapport, il-Kummissjoni kkonsolidat il-punti ewlenin imqajma, infurmat lill-Grupp tal-Koordinaturi f'Ottubru tal-2025, u f'Novembru nediet s'tħarriġ ulterjuri tal-Membri tas-Sottogrupp biex jidentifikaw il-preferenzi tagħhom rigward id-direzzjoni u l-kontenut proposti tas-CTF. Abbażi tar-riżultati miġbura, f'Diċembru l-Kummissjoni sussegwentement infurmat lill-Grupp ta' Koordinaturi u kkonsultat lis-Sottogrupp, filwaqt li stiednet kontribut bil-miktub ulterjuri mill-Membri tas-Sottogrupp sa mhux aktar tard minn nofs Jannar 2026.

L-abbozz tal-att delegat intbagħat lis-Sottogrupp u lill-Grupp ta' esperti ewlieni fit-13 ta' Frar 2026, biex jintbagħtu l-kummenti bil-miktub sa mhux aktar tard mis-27 ta' Frar. Imbagħad, is-Sottogrupp ġie kkonsultat fuq l-abbozz fil-laqgħa tal-5 ta' Marzu 2026. Sussegwentement, l-abbozz aġġornat ġie kondiviż kemm mas-Sottogrupp kif ukoll mal-Grupp għal kwalunkwe kumment ieħor bil-miktub bejn il-5 u l-10 ta' Marzu, u kien is-suġġett ta' konsultazzjoni fil-laqgħa tal-Grupp fit-12 ta' Marzu 2026.

Dan l-att delegat jinkorpora ċerti bidliet proposti mill-Istati Membri matul il-konsultazzjoni msemmija hawn fuq, kif ikkonfermat mill-Kummissjoni fil-laqgħat tal-5 u tat-12 ta' Marzu. Dawn jinkludu: il-kjarifiki dwar l-ambitu u l-effetti tas-CTF; ir-reviżjonijiet tal-elementi użati biex jiġi ddeterminat il-livell tas-CTF (it-tħassir tal-għadd minimu ta' snin ta' taħriġ, iż-żieda tal-għadd minimu ta' krediti tal-ECTS); id-deskrizzjoni tal-awtonomija professjonali; l-aġġustamenti fil-lista tas-suġġetti u fl-għarfien, fil-ħiliet u fil-kompetenzi; l-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' taħriġ kliniku.

L-abbozz tal-att delegat kien is-suġġett ta' sejħa għal evidenza bejn l-24 ta' Frar u l-24 ta' Marzu 2026. Il-kummenti li waslu permezz ta' din is-sejħa għal evidenza ġew ikkunsidrati kif xieraq u ma kinux jiġġustifikaw bidliet ulterjuri fl-abbozz lil hinn minn dawk introdotti wara l-konsultazzjoni tal-Grupp ta' esperti u tas-Sottogrupp.

L-abbozz tal-att delegat kien soġġett ukoll għal feedback pubbliku bejn is-26 ta' Mejju u t-23 ta' Ġunju 2026. L-uniku punt sostantiv li ħareġ mill-kontribut fid-diversi Stati Membri kien jikkonċerna l-ħtieġa ta' limitu ta' kwalifika minima oġġla, b'mod partikolari 240 ECTS, li ġie inkorporat fil-proposta.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

Is-setgħa li tiġi adottata din id-Direttiva hija prevista fl-Artikoli 49a(4) u 57c tad-Direttiva 2005/36/KE.

L-Artikolu 1 tad-Direttiva jistabbilixxi s-suġġett tagħha u l-Artikolu 2 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni personali tagħha.

L-Artikolu 3 jispjega l-effetti tar-rikonnoxximent awtomatiku mogħti skont din id-Direttiva.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-livell tas-CTF, u l-Artikolu 5 jistabbilixxi l-kontenut minimu ta' taħriġ tiegħu.

---

<sup>7</sup> Dan ir-rapport ġie sussegwentement aġġornat, wara l-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, u ġie ppubblikat f'Marzu 2026: [Feasibility of establishing a common training framework for the profession of physiotherapist - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

L-Artikolu 6 jipprevedi l-possibbiltà li s-CTF jiġi rieżaminat.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-perjodu ta' traspożizzjoni u l-obbligu għall-Istati Membri li jikkomunikaw il-miżuri adottati lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 8 jispeċifika d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, u l-Artikolu 9 jidentifika d-destinatarji tagħha.

## DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'15.9.2026

### li tissupplimenta d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi tistabbilixxi qafas ta' taħriġ komuni għall-fiżjoterapisti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali<sup>8</sup>, u b'mod partikolari, l-Artikolu 49a(4) tagħha,

Billi:

- (1) Bħalissa, il-fiżjoterapisti kwalifikati fi Stat Membru wieħed jibbenefikaw mir-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom għall-fini ta' aċċess transfruntier għall-istess professjoni regolata fi Stat Membru ieħor skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 14 tad-Direttiva 2005/36/KE (sistema ġenerali ta' rikonoxximent).
- (2) L-istabbiliment ta' qafas ta' taħriġ komuni għall-fiżjoterapisti ("CTF") se jintroduċi rikonoxximent transfruntier awtomatiku tal-provi ta' kwalifiki professjonali fil-fiżjoterapija li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fis-CTF u li ġew innotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra; imbagħad dawn il-kwalifiki jistgħu jiġu elenkati fl-att ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni tista' tadotta skont l-Artikolu 49a(6) tad-Direttiva 2005/36/KE.
- (3) Għall-fiżjoterapisti li l-kwalifiki tagħhom ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-CTF, jew għall-fiżjoterapisti li l-kwalifiki tagħhom jiġu sottomessi għar-rikonoxximent lil Stat Membru eżentat mis-CTF abbażi tal-Artikolu 49a(5) tad-Direttiva 2005/36/KE, għandha tapplika s-sistema ġenerali ta' rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom skont id-Direttiva 2005/36/KE.
- (4) Bħalissa, il-professjoni ta' fiżjoterapista jew l-edukazzjoni u t-taħriġ li jwasslu għall-kwalifika ta' fiżjoterapista, huma regolati f'mill-inqas terz tal-Istati Membri.
- (5) Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-edukazzjoni fil-livell tad-dħul biex jinkiseb aċċess għall-prattika tal-professjoni ta' fiżjoterapista hija bbażata fuq l-istess livell tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki ("QEK")<sup>9</sup>. Għalhekk, huwa possibbli li s-CTF għall-fiżjoterapisti jiġi bbażat fuq il-livell tal-QEK.
- (6) Fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ applikabbli f'mill-inqas terz tal-Istati Membri, hemm sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi li għandhom jinkisbu mill-

<sup>8</sup> ĠU L 255, 30.9.2005, p.22, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj>

<sup>9</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 15.6.2017, p. 15).

fiżjoterapisti bħala parti minn kors ta' taħriġ ġenerali f'università jew f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Dan is-sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi jenħtieġ li jiġi rifless fil-lista ta' rekwiżiti li jikkostitwixxu s-CTF.

- (7) Il-professjoni ta' fiżjoterapista la hija koperta minn CTF ieħor u lanqas ma hija soġġetta għal rikonoxximent awtomatiku skont il-Kapitolu III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE.
- (8) Is-CTF għall-fiżjoterapisti tħejja wara proċess korrett trasparenti, li jinkludi konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti mill-Istati Membri fejn il-professjoni ma hijiex regolata.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 49a(2), il-punt (g), tad-Direttiva 2005/36/KE, is-CTF jippermetti liċ-ċittadini minn kwalunkwe Stat Membru sabiex ikunu eliġibbli li jiksbu l-kwalifika professjonali skont dan il-qafas mingħajr ma qabel ikunu meħtieġa jkunu membri ta' organizzazzjoni professjonali jew li jkunu rreġistrati ma' tali organizzazzjoni.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi adottat il-qafas ta' taħriġ komuni għall-fiżjoterapisti.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### *Artikolu 1*

##### **Suġġett**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli li f'konformità magħhom, Stat Membru li jagħmel l-aċċess għall-professjoni ta' fiżjoterapista jew l-eżerċitar tagħha fit-territorju tiegħu kontinġenti fuq il-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, għandu jirrikonoxxi awtomatikament, għall-aċċess għal dik il-professjoni u għall-eżerċitar tagħha, kwalifiki miksuba fi Stat Membru wieħed jew aktar li jippermettu lid-detentur jeżerċita l-istess professjoni hemmhekk, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi s-sett tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi minimi li għandhom jiġu inklużi fil-qafas komuni ta' taħriġ għall-fiżjoterapisti ("CTF").

#### *Artikolu 2*

##### **Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini ta' Stat Membru li jkollhom kwalifiki miksuba fi Stat Membru wieħed jew aktar u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva u li jixtiequ jsegwu l-professjoni ta' fiżjoterapista fi Stat Membru għajr dak li fih ikunu kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom, jew fuq bażi ta' persuna li taħdem għal rasha jew fuq bażi ta' impjegat.

#### *Artikolu 3*

##### **Rikonoxximent awtomatiku**

1. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi awtomatikament il-provi ta' kwalifiki formali li jagħtu aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' fiżjoterapista li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 u li jkunu ġew innotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra abbażi tal-Artikolu 49a(6) tad-Direttiva 2005/36/KE.

2. Kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni li jkollu tali provi ta' kwalifiki professjonali maħruġa fi Stat Membru għandu jkun intitolat li jikseb aċċess għall-attivitàjiet professjonali tal-fiżjoterapisti fi Stati Membri oħra soġġetti għall-istess kundizzjonijiet bħall-fiżjoterapisti li jkunu kisbu l-kwalifika tagħhom f'dawk l-Istati Membri.

#### *Artikolu 4*

##### **Livell minimu tal-kwalifika biex persuna tibbenefika mir-rikonoxximent awtomatiku**

1. Il-kwalifika ta' fiżjoterapista għandha tiċċertifika t-taħriġ ta' mill-inqas 240 kreditu tal-ECTS, u għandha tkun ibbażata, mill-inqas, fuq il-livell 6 tal-QEK, kif ukoll fuq it-twertiq tat-traineeship fl-Istati Membri fejn dan ikun obbligatorju għall-eżerċitar tal-professjoni.

2. Il-kwalifika ta' fiżjoterapista għandha tafferma l-awtonomija professjonali tal-fiżjoterapista.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, awtonomija professjonali tfisser il-kompetenza li jiġu vvalutati u ddeterminati b'mod indipendenti l-ħtiġijiet tal-fiżjoterapija, kemm b'riferiment mingħand tabib kif ukoll mingħajru, u li jiġi ppjanat, organizzat, implimentat u adattat l-intervent tal-fiżjoterapija, abbażi tal-għarfien xjentifiku, l-għarfien espert kliniku u l-għarfien tan-natura u l-etika tal-professjoni. L-awtonomija professjonali għandha tinvolvi responsabbiltà professjonali kif ukoll kollaborazzjoni ma' professjonisti oħra tal-kura tas-saħħa, inkluż riferiment għal tabib li jsir fl-aħjar interess tal-pazjent u f'waqtu.

#### *Artikolu 5*

##### **Kontenut minimu tat-taħriġ biex persuna tibbenefika mir-rikonoxximent awtomatiku**

1. It-taħriġ bħala fiżjoterapista għandu jinkludi, bħala minimu, l-elementi li ġejjin:

(a) Is-sugġetti tat-taħriġ:

(i) Ix-xjenzi bijoloġiċi u fiżiċi

- (1) L-anatomija
- (2) Ix-xjenzi fiżiċi (il-bijofiżika, il-bijomekkanika)
- (3) Il-fiżjoloġija
- (4) Il-patoloġija applikata
- (5) Il-kineżjoloġija u x-xjenzi tal-moviment
- (6) Il-patokineżjoloġija
- (7) Il-fiżjoterapija ġenerali

(ii) Ix-xjenzi soċjali, tal-imġiba u tekniċi

- (8) Il-promozzjoni tas-saħħa
- (9) Il-psikoloġija applikata
- (10) Il-kura tas-saħħa preventiva

(iii) Ix-xjenzi kliniċi

- (11) Ix-xjenzi muskoloskeletal
- (12) L-ortopedija

- (13) Ir-reumatoloġija
- (14) Il-pedjatrija
- (15) Il-korrimenti sportivi
- (16) Is-saħħa tan-nisa
- (17) It-teorija/il-mediċina tal-uġiġħ
- (18) Il-ġerjatrija u l-kura tal-anzjani
- (19) It-traumatoloġija
- (20) In-newroloġija
- (21) L-ortotiċi u l-prostetika
- (22) Il-kardjoloġija
- (23) Il-fiżjoterapija fix-xjenzi kliniċi
- (24) Il-pulmonoloġija
- (25) Il-mard intern

(iv) Il-ħiliet ta' intervent

- (26) Il-modalitajiet ta' aġent fiżiku (termali, tal-ħoss, elettriku u tad-dawl)
- (27) L-ergonomija
- (28) It-tekniki manwali
- (29) It-tekniki tal-massaġġi
- (30) Il-fiżjoterapija tal-eżerċizzju terapewtiku
- (31) L-educazzjoni tal-pazjent u l-profilassi
- (32) Ir-rijabilitazzjoni

(v) Il-ħiliet ta' intervent marbuta ma' oqsma speċifiċi

- (33) Il-fiżjoterapija muskuloskeletal
- (34) It-terapija sportiva
- (35) Il-kura intensiva
- (36) Il-fiżjoterapija kardjorespiratorja
- (37) Il-fiżjoterapija newroloġika
- (38) L-irkupru u l-intervent ta' qabel u wara l-operazzjoni
- (39) L-onkoloġija
- (40) Il-fiżjoterapija għall-gruppi differenti tal-popolazzjoni (bħat-tfal, l-anzjani, il-persuni b' diżabilità, in-nisa tqal)

(vi) Il-prattika bbażata fuq l-evidenza

- (41) Il-metodi tar-riċerka u l-applikazzjoni tar-riċerka
- (42) Il-pedamenti teoretiċi tar-riċerka

(vii) L-etika u l-prattika professjonali

(43) Il-komunikazzjoni

(44) L-etika u l-leġislazzjoni

(b) It-taħriġ ta' fiżjoterapista għandu jinkludi taħriġ kliniku li jirrappreżenta komponent identifikabbli b'mod ċar tal-programm, li jikkonsisti f'mhux inqas minn 1 000 siegħa u jkun imwettaq taħt superviżjoni f'ambjenti kliniċi xierqa u f'kontatt dirett mal-pazjenti.

(c) It-taħriġ ta' fiżjoterapista għandu jipprovdi assigurazzjoni li l-professjonista inkwistjoni kiseb l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li ġejjin:

(i) Il-pjanijiet ta' dijanjożi u ta' trattament

- (1) Il-kapaċità li s-sintomi tas-sistema muskoloskeletal u l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-klijenti/tal-pazjenti jiġu evalwati b'mod indipendenti u li jiġi ddeterminat jekk il-kura fiżjoterapewtika hijiex indikata jew jekk hemmx bżonn li l-pazjent jiġi riferut lil tabib
- (2) Il-profiċjenza fil-formulazzjoni tad-dijanjożi u l-pronjożi tal-fiżjoterapija
- (3) Il-kapaċità li wieħed jikkunsidra u jiskrinja b'mod indipendenti għal dijanjożi differenzjali
- (4) Il-kapaċità li jiġu ddijanjożikati b'mod indipendenti d-disturbi funzjonali tas-sistema muskoloskeletal
- (5) Il-kapaċità li jitfasslu b'mod indipendenti pjanijiet ta' trattament maħsuba apposta għall-klijent/għall-pazjent
- (6) Il-kapaċità li jitfasslu, jiġu implimentati u jiġu evalwati b'mod indipendenti l-eżerċizzji fiżjoterapewtiċi
- (7) Il-kapaċità li jitfasslu, jiġu implimentati u evalwati programmi ta' eżerċizzju terapewtiku għall-gruppi differenti tal-popolazzjoni (bħat-tfal, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità, in-nisa tqal)

(ii) Il-prattika tal-fiżjoterapija

- (8) Il-kapaċità li jiġu implimentati diversi interventi tal-fiżjoterapija b'mod sikur u effettiv, inkluż it-terapija tal-eżerċizzju, it-terapija manwali u l-modalitajiet fiżiċi
- (9) L-għarfien tax-xjenzi bijoloġiċi, fiżiċi u kliniċi u l-kapaċità li jiġu applikati għall-prattika tal-fiżjoterapija
- (10) L-għarfien u l-fehim tal-edukazzjoni mill-ġdid u tal-irkupru funzjonali, inkluż il-metodi, il-proċeduri u l-azzjonijiet fiżjoterapewtiċi relatati ma' dawn l-oqsma
- (11) Il-kapaċità li jiġu mmonitorjati u evalwati b'mod indipendenti r-riżultati tal-intervent tal-fiżjoterapija, u li jsiru l-modifiki meħtieġa
- (12) Il-kapaċità li jiġu implimentati x-xjenzi soċjali u tal-imġiba rilevanti għall-prattika tal-fiżjoterapija
- (13) Il-kapaċità li jitqiesu fatturi soċjoekonomiċi, personali u kulturali fil-valutazzjoni u fl-eżami fiżjoterapewtiku tal-klijent/tal-pazjent
- (14) Il-kapaċità li jiġu inkorporati prinċipji psikoloġiċi fil-prattika tal-fiżjoterapija

(iii) L-etika u l-professjonaliżmu

- (15) Il-fehim tal-etika professjonali, tal-istandards tal-prattika u tar-regolamenti legali

- (16) L-għarfien bażiku tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-istrutturi organizzazzjonali u l-politiki dwar il-kura tas-saħħa
- (17) Il-kapaċità li persuna tipprattika bħala professjonist awtonomu, li jeżerċita l-ġudizzju professjonali tiegħu stess
- (18) Il-kapaċità li jinżammu rekords tal-klijenti/tal-pazjenti kif xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti etiċi u legali

(iv) Komunikazzjoni

- (19) Il-ħiliet effettivi tal-komunikazzjoni mal-klijenti/mal-pazjenti
- (20) Il-ħiliet effettivi tal-komunikazzjoni ma' fornituri oħra tal-kura tas-saħħa

(v) Ix-xjenza soċjali u s-saħħa pubblika

- (21) L-għarfien dwar il-kura tas-saħħa preventiva u x-xogħol tal-promozzjoni tas-saħħa
- (22) Il-kapaċità li persuna tadatta għall-bidliet fil-kura tas-saħħa u fis-soċjetà
- (23) L-għarfien dwar it-tħassib dwar is-saħħa pubblika u dwar l-attivitajiet ta' prevenzjoni biex tittejjeb is-saħħa pubblika
- (24) Il-kapaċità ta' kollaborazzjoni mal-klijenti/mal-pazjenti, mal-persuni li jieħdu ħsieb il-pazjenti u mal-membri tat-tim

(vi) Il-kollaborazzjoni u l-ġestjoni professjonali

- (25) Il-kapaċità ta' kollaborazzjoni ma' membri oħra ta' timijiet interdixxiplinari u multiprofessjonali
- (26) L-għarfien tar-rwol proprju u tar-rwol u tar-responsabbiltà tal-oħrajn f'tim interdixxiplinarju
- (27) Il-kapaċità li jiġi applikat l-għarfien teoretiku fil-prattika u li jintuża raġunament kliniku
- (28) Il-kapaċità li jittieħdu deċiżjonijiet u li tittieħed azzjoni abbażi tal-għarfien ta' Prattika bbażata fuq l-evidenza

*Artikolu 6*

**Rieżami**

Sa mhux aktar tard minn 5 snin wara l-iskadenza tal-perjodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tivvaluta mill-ġdid is-CTF stabbilit minn din id-Direttiva, b'mod partikolari l-kontenut tiegħu u l-adegwatezza kontinwata tiegħu fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali fil-professjoni.

*Artikolu 7*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok, daħħal id-data hawn: 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-att legali]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' daww id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### *Artikolu 8*

#### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 9*

#### **Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 15.9.2026

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*